Verżjoni Elettronika

A.L. 373 tal-2022

ATT DWAR IL-PERITI
(ATT XIII tal-2021)
(KAP. 622)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1(2) tal-Att dwar il-Periti, il-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet stabbilixxa d-data ta' pubblikazzjoni ta' dan l-avviż legali bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 15, 16, 24, 26, 27, 28 u 29 tal-istess Att għandhom jidħlu fis-seħħ:

Iżda l-artikoli 2, 12, 17, 19, 20 u 25 tal-imsemmi Att għandhom jidħlu fis-seħħ bl-eċċezzjoni għar-referenza tar-rekwiżit tal-assigurazzjoni għal indennizz professjonali jew mezzi oħra ta' protezzjoni fir-rigward tar-responsabbiltà professjonali skont l-artikolu 18 tal-imsemmi Att:

Iżda wkoll fir-rigward tal-artikolu 4(3)(g) tal-imsemmi Att, limitatament għar-rekwiżit ta' minimu ta' għaxar (10) snin esperjenza għal mentors, kif definit fir-Regolamenti dwar il-Warrant tal-Periti għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024: A.L. 370 tal-2022.

Iżda wkoll l-artikolu 30 tal-istess Att għandu jidħol fis-seħħ fir-rigward ta', u limitatament, għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3, 4, 5, 5A, 7(1)(b-f), 9, 10, 11, 12, 13, 14, 17, 18, 19 tal-Att dwar il-Periti. Kap. 390.